32003D0911

30.12.2003 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 342/53

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
## tat-22 ta' Diċembru 2003
## li tistabbilixxi programm Komunitarju ta' azzjoni għal korpijiet li jippromwovi ftehim reċiproku ta' relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u ċerti reġjuni fid-dinja

(2003/911/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkonsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 308 tiegħu,

Wara li kkonsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkonsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Billi:

(1) Il-Komunità żżomm relazzjonijiet ma' ċerti pajjiżi u reġjuni, b'mod partikolari billi tipprovdi għajnuna sostanzjali taħt ir-Regolamenti *ALA* ([2]), *MEDA* ([3]) *Tacis* ([4]) u *CARDS* ([5]).

(2) Il-Kunsill Ewropew, għall-inqas f'żewġ okkażżjonijiet ([6]), issottolinea l-importanza li jagħti lil relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u s-sieħba tagħha.

(3) Għandha tingħata attenzjoni speċjali lid-dimensjoni reġjonali ta' għajnuna Komunitarja, waqt li titqies id-diverġenza ta' bżonnijiet u prijoritajiet fost ir-reġjuni ewlenin koperti mir-Regolamenti msemmija qabel u tiżdied koperazzjoni reġjonali f'manjiera bilanċjata u kordinata.

(4) Għarfien u ftehim reċiproku miżjud bejn l-Unjoni Ewropea u s-sieħba li qed jerċievu għajnuna minnha għandu jiġi promoss.

(5) Tisħiħ ta' għarfien u ftehim reċiproku bejn l-Unjoni Ewropea u s-sieħba tagħhom se jiġi megħjun mix-xogħol ta' korpijiet li jispeċjalizzaw fl-analiżi ta' relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u r-reġjunijiet interessati.

(6) Diversi linji ta' l-estimi huma disinjati sabiex jappoġġjaw istituti, korpijiet jew xbieki bil-ħsieb li jirrinfurzaw relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u reġjunijiet oħra fid-dinja.

(7) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, *Euratom*) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-estimi ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([7]) (minn issa 'l quddiem imsejjħa bħala "r-Regolament Finanzjarju" jeħtieġ li jiġi stabbilit bażi legali għal azzjonijiet eżistenti ta' appoġġ.

(8) L-iskop ġijografiku tal-programm, li huwa s-suġġett ta' din id-Deċiżjoni għandu jiġi estiż lir-reġjuni kollha koperti mir-Regolamenti *ALA*, *MEDA*, *Tacis* u *CARDS* u lill-pajjiżi kandidati.

(9) L-operati koperti minn din id-Deċiżjoni mhumiex miżuri ta' koperazzjoni li jaqgħu direttament taħt il-politika ta' koperazzjoni ta' żvilupp jew koperazzjoni ma' pajjiżi terzi oħra iżda minkejja dan huma meħtieġa biex jinkiseb wieħed mill-għanijiet tal-Komunità.

(10) Ammont finanzjarju ta' riferenza, fit-tifsira tal-punt 34 tal-Ftehim Inter-istituzzjonali tas-6 Mejju 1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina fl-estimi u titjib fil-proċedura ta' l-estimi ([8]), jinsab inkluż f'din irid-Deċiżjoni għat-tul ta' żmien tagħha kollu, mingħajr b'daqshekk ma jaffettwa l-poteri ta' l-awtorita ta' l-estimi kif definit fit-Trattat li qed jiġi affettwat hawnhekk.

(11) Għall-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, it-Trattat ma jipprovdiz poteri ta' azzjoni oħra għajr dawk preskritti fl-Artikolu 308 tiegħu,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

**L-għan tal-programm**

1. Programm Komunitarju ta' azzjoni huwa hawnhekk stabbilit għall-promozzjoni ta' ċentri, istituti u xbieki li jispeċjalizzaw fl-analiżi ta' relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u ċerti reġjuni.

([1]) Opinjoni mogħtija fl-20 ta' Novembru 2003 (għadha mhix pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([2]) Ir-Regolament (KEE) Nru 443/92 (ĠU L 52, tas-27.2.1992, p. 1).
([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 1488/96 (ĠU L 189, tat-30.7.1996, p.1).
([4]) Ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 99/2000 (ĠU L 12, tat-18.1.2000, p. 1).
([5]) Ir-Regolament (KE) Nru 2666/2000 (ĠU L 306, tas-7.12.2000, p.1)
([6]) Kunsill Ewropew ta' Cannes, 26-27 ta' Ġunju 1995 u Kunsill Ewropew ta' Lisbona, 23-24 ta' Marzu 2000.

([7]) ĠU L 248, tas-16.09.2002, p. 1.
([8]) ĠU C 172, tat-18.6.1999, p. 1. Ftehim kif imħassar mid-Deċiżjoni 2003/429/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 147, ta'l-14.6.2003, p. 25).

2. L-għan ġenerali ta' dan il-programm għandu jkun sabiex jiżdied il-ftehim u d-djalogu bejn l-Unjoni Ewropea u r-reġjuni koperti mir-Regolamenti *ALA, MEDA, Tacis* u *CARDS* u l-pajjiżi kandidati permezz ta' appoġġ lill-attivitajiet tal-korpi msemmija fil-paragrafu 1. L-attivitajiet għandhom jikkonsistu minn programm annwali ta' xogħol ta' ċentru, istitut jew xibka u għandhom ilaħħqu dawk deskritti fl-Anness. L-attivitajiet appoġġjati jridu jikkontribbwixxu sabiex jiżdied il-ftehim u d-djalogu bejn l-Unjoni Ewropea u r-reġjuni koperti mir-Regolamenti *ALA, MEDA, Tacis* u *CARDS* u l-pajjiżi kandidati.

*Artikolu 2*

**Aċċess għall-programm**

1. Biex jikkwalifika għal għotja, korp applikant irid jikkonforma mad-dispożizzjonijiet preskritti fl-Anness u jilħaq il-ħtiġijiet li ġejjin:

— għandha tkun entita legali indipendenti u li ma tagħmilx qligħ attiva "l biċċa" l kbira fil-promozzjoni ta' ftehim ta' relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u r-reġjuni interessati, bilgħan li sservi lill-pubbliku sew;

— għandu jkun ġie stabbilit legalment għal aktar minn sentejn u l-kontijiet iridu jkunu għandu għas-sentejn ta' qabel ċertifikati minn awditur reġistrat;

— l-attivitajiet tiegħu iridu jlaħħqu l-prinċipji li fuqhom hija bbażata l-azzjoni ta' relazzjonijiet esterni Komunitarji u jqisu l-erji ta' prijorita identifikati f'punt 4 ta' l-Anness.

2. Għal korp li jsegwi għan li jlaħħaq mal-politika ta' relazzjonijiet esterni ta' l-Unjoni Ewropea sabiex jikkwalifika għal għotja ta' operat skond il-programm ta' xogħol annwali tiegħu, għandu jkun attiv ukoll f'livell Ewropew jew fir-reġjun interessat u l-istruttura u l-attivitajiet tiegħu irid ikollhom potenzal fil-livell ta' l-Unjoni Ewropea u/jew dawn ir-reġjuni.

*Artikolu 3*

**Parteċipazzjoni**

Parteċipazzjoni fil-programm għandha tkun miftuħa għal korpi, istituti u xbieki stabbiliti:

(a) fl-Istati Membri;

(b) fil-pajjiżi li s-sħubija tagħhom ma' l-Unjoni Ewropea fl-2004 ġiet approvata fil-Laqgħa Għolja ta' Copenhagen ta' l-2002;

(ċ) fil-Bulgarija, ir-Rumanija u t-Turkija;

(d) fil-pajjiżi jew ir-reġjuni koperti mir-Regolamenti *ALA, MEDA, Tacis* jew *CARDS*.

*Artikolu 4*

**L-għażla tal-benefiċjarji**

1. Il-Kummissjoni għandha timplimenta l-programm Komunitarju ta' azzjoni bi qbil mar-Regolament Finanzjarju.

2. Il-konċessjoni ta' għotja ta' operat fuq il-bażi tal-programm annwali tax-xogħol ta' korp għandha tikkonforma mal-kriterji ġenerali preskritti fl-Anness.

3. Korpi ntitolati sabiex jerċievu dawn l-għotjiet ta' operat għandhom jintgħażlu wara sejħa għal proposti li tkopri t-tul ta' żmien sħiħ tal-programm, bil-ħsieb li tiġi stabbilita sħubija bejn dawn il-korpi u l-Unjoni Ewropea.

Fuq il-bażi ta' sejħa għal proposti, il-Kummissjoni għandha tadotta l-lista ta' reċipjenti u l-ammonti approvati bi qbil ma' l-Artikolu 116 tar-Regolament Finanzjarju.

*Artikolu 5*

**Il-konċessjoni ta' l-għotja**

1. L-għotjiet ta' operat mogħtija skond dan il-programm ma jistgħux jiffinanzjaw in-nefqa eliġibbli intiera tal-korp għas-sena kalendarju li għaliha ġiet konċessa l-għotja.

2. L-ammont ta' għotja ta' operat konċessa ma jistax jaqbeż is-70 % tan-nefqa eliġibbli ta l-organizzazzjoni għas-sena kalendarju li għaliha ġiet konċessa l-għotja.

3. Skond l-Artikolu 113(2) tar-Regolament Finanzjarju, fejn jiġġeddu dawn l-għotjiet ta' operat, għandhom jitnaqqsu gradwalment. Jekk għotja hija konċessa lil korp li jkun irċieva għotja ta' operat fis-sena ta' qabel, il-persentaġġ ta' kofinanzjament Komunitarju rappreżentat mill-għotja l-ġdida għandha tkun mill-inqas 10 punti perċentwali inqas mill-persentaġġ ta' kofinanzjament Komunitarju rappreżentat mill-għotja fis-sena ta' qabel.

*Artikolu 6*

**Dispożizzjonijiet finanzjarji**

1. Dan il-programm għandu jibda fl-1 ta' Jannar 2004 u jispiċċa fil-31 ta' Diċembru 2006.

2. Il-ammont finanzjarju ta' riferenza għall-implimentazzjoni talprogramm għall-perijodu riferit fil-paragrafu 1 għandu jkun ta' 4,1 miljun EUR.

3. L-approprjazzjonijiet annwali għandhom jiġu awtorizzati millawtorita ta' l-estimi fil-limiti tal-perspettivi finanzjarji.

*Artikolu 7*

**Monitorjar u evalwazzjoni**

Sal-31 ta' Diċembru 2005 il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Kunsill dwar il-ksib ta' l-għanijiet ta-programm. Ir-rapport għandu jiġi bażat fuq ir-riżultati miksuba mill-benefiċjarji u għandu jistma, b'mod partikolari, ir-rilevanza, l-effettivita u l-utilita tagħhom fil-ksib ta' l-għanijiet definiti fl-Artikolu 1 u fl-Anness.

*Artikolu 8*

**Dispożizzjonijiet transitorji**

Il-prinċipju tat-tnaqqis gradwali tar-rata ta' kofinanzjament Komunitarju provvdut fl-Artikolu 5 fil-każ ta' tiġdid ta' għotja ta' operat għal korpi li jkunu rċevew din l-għotja għall-istess attivitajiet is-sena ta' qabel ma din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ u għas-sentejn ta' qabel għandha tapplika biss mit-tielet sena wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni basta iżda li dawn il-korpi jkun ssodisfaw b'mod sħiħ il-ħtiġijiet kollha rigward tmexxija soda.

*Artikolu 9*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, fit-22 ta' Diċembru 2003.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A. MATTEOLI

*L-ANNESS*

1. **Attivitajiet appoġġjati**

L-attivitajiet ta' korpi li jistgħu jgħinu sabiex tiġi rinfurzata u miżjuda l-effettivita ta' azzjoni Komunitarja għandhom jinkludu dan li ġej:

— studju u analiżi tal-politika ta' l-Unjoni Ewropea u għar-reġjun immirat mis-sejħa għall-proposta,

— il-produzzjoni ta' dokumenti ta' diskussjoni,

— round tables,

— laqgħat ta' *seminar* tematiċi,

— pubblikazzjonijiet varji.

2. **Implimentazzjoni ta' attivitajiet appoġġjati**

2.1. L-attivitajiet koperti minn dan il-programm għandhom jitwettqu minn korp li l-għan tiegħu huwa li jiżdied il-ftehim u l-għarfien reċiproku bejn l-Unjoni Ewropea u r-reġjuni koperti mir-Regolamenti *ALA, MEDA, Tacis* jew *CARDS*.

2.2. Il-programm għandu japplika għall-korpi, istituti jew xbieki kollha li ma jagħmlux qligħ attivi fil-pajjiżi u/jew reġjuni koperti fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni li jippromwovu prinċipji u politika li tifforma parti mill-għanijiet tat-Trattati.

2.3. Għotja ta' operat annwali tista' tiġi konċessa sabiex jiġi appoġġjat l-implimentazzjoni ta' programm annwali tax-xogħol ta' korp bħal dan.

3. **L-għażla tal-benefiċjarji**

Korpi ntitolati sabiex jerċievu għotja ta' operat għandhom jintgħażlu fuq il-bażi ta' sejħat għal proposti, kif provvdut fir-Regolament Finanzjarju. Dawn is-sejħat għal proposti se jiġu llanċati fil-bidu ta' dan il-programm sabiex jiġu magħżula s-sieħba li magħhom l-Unjoni Ewropea se timplimentah.

4. **Karatteristiti ta' applikazzjonijiet ta' għotja li fuqhom hija bażata l-istima**

Applikazzjonijiet ta' għotja għandhom jiġi stmati fuq il-bażi ta':

— il-kumplimentarjeta tagħhom ma' l-għanijiet tal-programm,

— il-kwalità ta' l-attivitajiet,

— esperjenza minn qabel fil-qasam,

— l-eżistenza ta' sorsi u kuntatti ta' informazzjoni stabbiliti sew fir-reġjuni interessati u l-Unjoni Ewropea,

— il-proporzjonalita ta' l-ispejjeż u l-benefiċċji ta' l-attivita proposta,

— l-iskop ġijografiku ta' l-attivitajiet.

Il-karatteristiċi u l-kriterji eżatti għall-konċessjoni ta' l-għotjiet għandhom jiġu speċifikati fis-sejħat għall-proposti.

5. **Nefqa eliġibbli**

5.1. L-uniċi spejjeż li jridu jitqiesu fl-istabbilizzazzjoni ta' l-għoti ta' operat għandhom ikunu dawk meħtieġa għall-kondotta kif suppost ta' l-attivitajiet normali tal-korp magħżul, b'mod partikolari spejjeż ta' personali, *overheads* (bħal ma huma spejjeż ta' kiri u ta' propjeta, tagħmir, provvisti ta' l-uffiċċju, telekomunikazzjonijiet u spejjeż postali), spejjeż ta' laqgħat interni, pubblikazzjoni, informazzjoni u spejjeż ta' disseminazzjoni.

5.2. Il-korpijiet interessati jerċievu kofinanzjament ta' l-estimi minn sorsi oħra għajr sorsi Komunitarji. Dan il-kofinanzjament jista' jiġi kontribbwit parzjalment f'oġġetti, basta iżda li l-kontribuzzjoni hija valwata għal mhux aktar mill-ispiża attwalment miġrura u kif jixhdu dokumenti ta' kontijiet jew l-ispiża ġeneralment miksuba fis-suq imsemmi u bl-eċċezzjoni ta' kontribuzzjonijiet f'oġġetti fil-forma ta' propjeta (*real estate*).

6. **Spezzjonijiet u reviżjonijiet**

6.1. Il-benefiċjarju ta’ għotja ta’ operat għandu jżomm disponibbli għall-Kummissjoni d-dokumenti kollha ta’ appoġġ, inkluż id-dikjarazzjoni finanzjarja verifikata, rigward nefqa miġrura matul is-sena ta’ l-għotja, għal perjodu ta’ ħames snin wara l-aħħar pagament. Il-benefiċjajru ta’ għotja għandu jiżgura li, fejn applikabbli, dokumenti ta’ appoġġ fil-pussess ta’ sieħba jew membru isiru disponibbli lill-Kummissjoni.

6.2. Il-Kummissjoni jista’ jkollha reviżjoni ta’ l-użu magħmul mill-għotja mwettqa jew direttament mill-istaff tagħha stess jew minn xi korp ieħor barrani kwalifikat li tkun għażlet hija stess. Dawn ir-reviżjonijiet jistgħu jitwettqu matul il-ħajja (*lifetime*) tal-ftehim u għal perjodu ta’ ħames snin mid-data tal-ħlas tal-bilanċ. Fejn xieraq, is-sejbiet tar-reviżjoni jistgħu iwassli għal deċiżjonijiet ta’ rkupru mill-Kummissjoni.

6.3. *Staff* tal-Kummissjoni u personal barrani awtorizzati mill-Kummissjoni għandhom ikollhom dritt xieraq ta’ aċċess għall-postijiet u l-fondijiet fejn l-azzjoni hija mwettqa u għall-informazzjoni kollha, inkluż informazzjoni f’forma elettronika, meħtieġa sabiex jiġu kondotti dawn ir-reviżjonijiet.

6.4. Il-Qorti ta’ l-Awdituri u l-Uffiċċju Ewropew ta’ Kontra l-Frodi (OLAF) għandhom igawdu l-istess drittijiet, speċjalment ta’ aċċess, bħall-Kummissjoni.

6.5. Sabiex jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra, il-Kummissjoni tista’ twettaq ukoll spezzjonijiet fuq il-post u spezzjonijiet skond dan il-programm bi qbil mar-Regolament tal-Kunsill (Euratom KE) Nru 2185/96 ([1]). Fejn meħtieġ, investigazzjonijiet għandhom jiġu kondotti mill-Uffiċċju Ewropew ta’ Kontra l-Frodi (OLAF) u għandhom jiġu regolati mill-Parlament Ewropew u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 ([2]).

---

([1]) ĠU L 292, tal-15.11.1996, p. 2.

([2]) ĠU L 136, tal-31.5.1999, p. 1.